MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-12 ta' Frar, 2015

Numru 45/2015

**Spettur Kylie Borg**

**Vs**

**Michael Camilleri**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Michael Camilleri ta’ 19- il sena, bin Raymond u Stephanie nee’ Borg, mwieled Pieta’ fid- 19 ta’ Novembru 1995, residenti 79, Triq il- Wied, Birkirkara u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 497995M ;

Talli f’ dawn il- Gzejjer nhar is- 27 ta’ Mejju 2014, ghall- habta tat-15.00hrs ta’ wara nofsinhar, gewwa l-Belt Valletta;

1) B’ mezzi kontra l- ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex gieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta’ haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta’ haddiehor, meta l- ammont tal- hsara maghmula mhux ta’ aktar minn €500 ghad-dannu ta’ Monique Farrugia u/jew persuni ohra;
2) Aktar talli ghamel uzu, xjentament ta’ marka, sinjal, tabella jew emblem li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix- xerrej dwar ix-xorta tal- merkanzija, jew biegh merkanzija, b’ din il- marka, sinjal jew emblem;
3) Aktar talli fl- istess lok, hin u cirkostanzi, xjentament qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall- bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’ marka , sinjal jew emblem imxebbhin b’ qerq;
4) Bhala persuna li ggesta attivita kummercjali minn xi triq, liema attivita ma kinitx ezercitata minn xi suq fil- berah, gesta din l- attivita minghajr licenzja mill- Awtorita’ Regolartorja

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 308, 310 (1)(c), 298 (1)(c) u (f) tal- Kap 9 u Regolament 25(1) ta- LS 441.07 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tordna hrug ta' Ordni ta' Probation ghal sentejn ai terminu tal- Art 7 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Tordna d-distruzzjoni tal-oggetti ezebiti.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------